
HAWN
corazón JIEN

## Kelmtejn dwar Corazón

Corazón Mizzi, tifla unika, twieldet fil-11 tax-xahar ta' Lulju 1987. Peress li l-11 huwa n-numru favorit tagħha, Corazón għażlet li tinkludi f'dan l-album proprju 11-il kanzunetta li kemm il-mużika kif ukoll il-lirika tagħhom huma kreazzjoni tagħha stess. Għal dan il-għan ukoll hija għażlet il-11-il jum tax-xahar ta' Jannar biex fih tniedi din il-biċċa xogħol tant għal qalbha u li tant iddedikat ħin għaliha.

Corazón bdiet titgħallem il-pjanu, il-kitarra u l-vuċi ta' età żgħira ħafna. B'teknika u bażi sodi fit-teorija u l-prattika tal-mużika, Corazón tħobb tesprimi l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħha f'kanzunetti li tikteb hi stess. L-għażla tal-lingwa Maltija tiġi ħaġa naturali għal Corazón peress li dejjem ippreferiet il-lingwa ta' pajjiżha minn kull lingwa oħra. Bil-kompożizzjonijiet tagħha rebħet il-festival *L-Għanja tal-Poplu* tliet darbiet: fl-2007, fl-2009 u fl-2010 bil-kanzunetti *Hawn Jien*, *Tal-Aħħar* u *Mill-Għajnejn ta' Tifla*, li t-tlieta li huma jinsabu f'dan l-album, b'arranġamenti ġodda u aktarx differenti mill-oriġinal.

Apparti li kellha esperjenzi ta' kant barra minn Malta, fejn anke kisbet suċċess, Corazón illum hija waħda mill-kantanti stabbiliti fil-gżejjer Maltin u anke pparteċipat tliet darbiet fil-fażi finali tal-Malta Eurovision Song Contest.

Akkademikament, Corazón kisbet id-Dottorat fil-Liġi mill-Università ta' Malta fl-2010. Bħalissa hija l-preżentatriċi ewlenija tal-programm ta' kuljum ta' waranofsinhar fuq l-istazzjon nazzjonali Malti, TVM.

Corazón tqis lilha nnifisha bħala persuna kreattiva ħafna b'interessi artistiċi fis-sens wiesgħa tal-kelma, partikolarment minħabba li tmidd idejha għal diversi forom ta' espressjoni artistika, fosthom anke l-pittura. Din is-sensittività għal dak kollu li huwa sabiħ toħroġ mill-karattru tagħha.

F'din is-serata Corazón żewġet flimkien l-akkademiku mal-artistiku bil-għan li l-album tagħha jingħata l-aktar sfond xieraq u sabiex is-segwaċi tagħha jkollhom l-opportunità jifhmu aħjar il-messaġġ tal-lirika u jaqsmu magħha s-sentimenti li joħorġu minn kull kompożizzjoni.





## Il-Kanzunetta fl-Era tal-Kirurġija

*Adrian Grima*

Corazón qed tippreżenta dan l-album intens tagħha *Hawn Jien* fi żmien meta l-kanzunetta Maltija għaddejja minn mument ta' tiġdid permezz ta' kantawturi u speċjalment gruppi li qegħdin jesperimentaw b'lirika u b'mużika li tirrifjuta l-konfini stretti ta' konvenzjoni stilizzata. Nissuspetta li parti importanti minn dan it-tiġdid hija ispirata mill-*canzone d'autore* Taljana, kemm stabbilita u kemm kontemporanja, kanzunetta poetikament impenjata li ssellem lit-tradizzjoni biex tqabbad magħha u titbiegħed minnha fl-istess ħin. Hija kanzunetta li għandha identità "irrepetibbli, singolari, unika" (Jachia 9).

Fil-perċezzjoni tal-*canzone d'autore* jingħata valur kbir lill-poeta, 'il-forza tal-lingwaġġ, 'l-oriġinalità tal-vers, 'l-awdaċja tal-messaġġ (Jachia 9), 'il-kuraġġ u 'l-viżjoni tiegħu. F'din il-kanzunetta artistikament impenjata, il-kliem jibqa' l-iktar element identifikabbli u kapaċi jagħti identità, għax *"immediatamente isolabile e quindi fortemente connotativo"* (Jachia 10).

## Wara l-Kanzunetti tal-Festivals

Waqt li f'ħafna mill-"kanzunetti tal-festivals" il-lirika tinbela' minn frażijiet prefabbrikati li jidħlu wara xulxin qishom biċċiet f'*jigsaw puzzle* użata bix-xfar imtajrin, il-lirika ta' din il-kanzunetta l-ġdida hija sikwit imprevedibbli, kultant trasgressiva u irreverenti, imma dejjem, fis-sens wiesgħa, poetika. F'artiklu tal-1990, Manwel Mifsud, esponent ewlieni tal-kanzunetta Maltija u l-istudju tagħha, ifisser il-kanzunetta tal-festivals bħala "dak it-tip ta' kanzunetta li biha jiżegħdu bosta programmi tax-xandir u festivals kummerċjali, inklużi festivals ta' fama bħal dak tal-Eurovision. Fiha l-kliem u l-mużika huma aktarx ornament manjeristiku mingħajr tiftix ta' oriġinalità fit-tema u l-espressjoni u wisq drabi lanqas fil-mużika, għalkemm aktarx titlibbes b'orkestrazzjoni imponenti" (Mifsud 8-9).

It-tema predominanti fil-kanzunetta tal-festivals hija l-imħabba, iżda t-trattament tagħha huwa superfiċjali u mimli sterjotipi. "L-eżistenza nnifisha ta' din l-għanja 'kitsch'" li Manwel Mifsud isejħilha "prodott tal-konsumiżmu," hija "parti minn kumpless ta' artifiċji li qed jippreżentaw dehra falza tal-arti bħala aljenazzjoni oħra, irrelevanti għall-ħajja tagħna. F'dan is-sens hija antiedukattiva." Filwaqt li jirrikonoxxi li anki fil-festivals "kummerċjalizzati" jista' jkun hemm "għanjiet ta' livell artistiku tajjeb," Mifsud iħoss li l-għanja kitsch tal-festivals "hu ta' min jiġġilidha, għall-inqas indirettament, billi noffru alternattiva għaliha" (Mifsud 9). Minkejja li mhijiex parti mill-mewġa ta' kantawturi u gruppi li jiktbu lirika li ta' spiss hija trasgressiva u irreverenti, inħoss li Corazón jirnexxilha toffri din l-alternattiva li qed isemmi Manwel Mifsud mingħajr ma tnaffar lil dawk li jħobbu l-festivals tal-kanzunetti.

Dan l-album isellem b'mod konxju lil wieħed mill-kantawturi ewlenin, Walter Micallef, li jkanta ma' Corazón f'*Tal-Aħħar*, kanzunetta li tematikament u stilistikament tidwi wħud fost l-isbaħ kanzunetti ta' mħabba, jew tmiem tal-imħabba, ta' Walter Micallef stess, tematika li tinħass sew f'dan l-album ta' Corazón. Inħoss li permezz ta' dan id-dwett Corazón issellem lil dik il-kanzunetta Maltija li tgħożż u li b'xi mod nebbħitha biex tfittex il-kelma bil-qalb tal-artista imma anki bil-moħħ ta' min irid jieħu s-sengħa tiegħu bis-serjetà.

Min-naħa l-oħra hemm elementi li fihom dan l-album jinqata' b'mod ċar mit-tip ta' riġenerazzjoni li issa ilha għaddejja numru ta' snin fil-kanzunetta bil-Malti u li ġibdet l-attenzjoni ta' udjenzi alternattivi. M'iniex bniedem tal-mużika u għaldaqstant m'iniex se nazzarda nispekula dwar it-triq mużikali li qabdet Corazón, imma nissuspetta li mhijiex imbiegħda wisq minn dik li qabdet fil-lirika li tfittex li tappella għal udjenza kbira, anki dik li tattendi l-festivals, filwaqt li tibqa' tikteb materjal "fittiexi" u impenjattiv. Għax fil-kanzunetta tagħha tispikka l-kelma, il-kelma bix-xfarijiet kollha tagħha, il-kelma sħiħa, qisha għadha kemm inqatgħet mill-barriera u tista' tara d-daqqa tal-lupa fuqha. Hija kelma sħiħa, "nadifa," li tasal għandna b'immedjatezza, b'ċarezza li kważi kważi tiskomodana. U f'dawk il-mumenti meta tinstema' l-vuċi waħedha mal-pjanu tieħu l-impressjoni li m'hemm bżonn xejn iktar, li f'dak id-djalogu hemm biżżejjed poeżija. Goethe kiteb li l-mużika ta' vera hija dik li tinkiteb biss għall-widna; vuċi sabiħa hija l-iktar ħaġa universali li tista' taħseb fiha (Sgalambro 23). Mhix nieqsa mill-vuċi u l-poeżija Corazón.

## Ispirazzjoni Oħra

Forsi 'l quddiem, ispirata minn xogħol straordinarju bħal tal-kompożitur u mużiċist Marcel Khalife u l-ifjen tradizzjoni Għarbija, Corazón għad titħajjar tikteb kanzunetta għall-vuċi biss li fiha tinstema' l-mużika tal-kelma waħedha u s-silenzju ta' madwarha tqil bid-diwi tagħha. Dan il-qasam ftit ġie esplorat mill-kanzunetta Maltija. Iżda hemm ħafna ġeneri u stili ta' kanzunetta li għadna ma esplorajniex. Dawn l-avventuri tistenniehom minn kantawturi bħal Corazón, u m'għandix dubju li jekk isiru jkollhom influwenza qawwija fuq esponenti oħrajn tal-kanzunetti popolari bil-Malti. Hemm element ta' *jazz* f'uħud minn dawn il-kanzunetti u din tista' tkun waħda mit-toroq li tesplora iktar fil-fond Corazón fil-futur.

Naħseb li l-kanzunetta Maltija tista' tiggwadanja ħafna jekk tesplora l-poeżija Moderna u kontemporanja bil-Malti. Mhux il-poeżija Romantika, għax dik toffri lingwaġġ li l-kanzunetta tagħna ħadet minnu biżżejjed, u żżejjed. Kanzunetti bħal *Fid-Dar tan-Nanna* u speċjalment *Mill-Għajnejn ta' Tifla* jfakkruni fil-poeżija ta' Simone Inguanez u l-ġabra straordinarja tagħha *ftit mara ftit tifla*, imma anki l-poeżija ta' Simone Galea, Claudia Gauci, Maria Grech Ganado, u Nadia Mifsud li qed jimirħu f'oqsma li qatt ma kienet żaret il-poeżija Maltija. Għad m'hemmx biżżejjed djalogu tal-kanzunetta mal-poeżija l-iktar impenjattiva. Il-poeżija l-ġdida tista' tgawdi wkoll minn djalogu ikbar mal-mużika, u l-poeti jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod dirett fix-xena mużikali alternattiva u stabbilita. Il-kanzunetta popolari tiġi akkużata li hija superfiċjali u l-poeżija tiġi akkużata li hija stramba u riservata. Joe Friggieri huwa eżempju wieħed fost oħrajn ta' poeta ewlieni li għamel suċċess fil-qasam tal-mużika, iżda m'hemmx biżżejjed poeti li daħlu b'ruħhom u b'ġisimhom f'dan il-qasam tewmi tal-kanzunetta.

Kemm minħabba l-aċċess faċli għal udjenza dejjem ikbar permezz tal-internet u l-formati diġitali, kif ukoll minħabba l-interess li qanqlu fost udjenzi ġodda l-gruppi u l-kantawturi l-iktar avventurużi, dan huwa żmien tajjeb biex il-kanzunetta bil-Malti, bħal dik ta' Corazón, tissogra taqbad toroq ġodda. Barra minn hekk, kif jissuġġerixxi Manlio Sgalambro, filosfu u liriċista li ħadem mill-qrib ma' Franco Battiato, "fil-lirika tal-kanzunetta donnha tinġabar il-poeżija kollha possibbli ta' żmienna, bħallikieku qiegħda tonfoħ 'il barra l-aħħar nifs tagħha. Wara kollox, it-test ta' kanzunetta huwa korp sonorju li ma jistax jinfatam mill-mużika li ngħatatlu mix-xorti." Proprju minħabba l-mużika, "id-destin tal-kanzunetta huwa differenti ħafna minn dak tal-poeżija u għaldaqstant ma tistax tqabbilhom flimkien" (Sgalambro 29). Barra minn hekk, "il-kanzunetta hija l-forma mużikali dominanti tal-epoka kontemporanja" (Sgalambro 30). F'Malta nemmen li l-poeżija tista' tagħti lil-lirika ħeġġa ġdida li però trid tissarraf f'idjoma mużikali. Dan ix-xogħol qed jagħmluh gruppi bħall-Brikkuni, Kantilena u Plato's Dream Machine li qed jesperimentaw b'lingwaġġi mmużikati li jisfidaw l-aspettattivi tagħna.

Fl-1990 Manwel Mifsud kiteb dwar kif il-kanzunetta aktarx kienet saret "il-forma waħdanija tal-arti tal-kelma" li jiġu f'kuntatt magħha kuljum waqt ix-xogħol in-nisa tad-dar u l-ħaddiema tal-id; qal ukoll li l-mużika kienet "qed tinvadi dejjem iktar is-sigħat liberi tal-ġenerazzjoni żagħżugħa" (Mifsud 3), u s-sitwazzjoni llum hija simili ħafna. Għaldaqstant, il-possibilitajiet għal dawk l-artisti li jridu jikkomunikaw b'mod anki profond ma' udjenza kbira huma kbar. U l-udjenzi, anki dawk Maltin, huma ferm iżjed miftuħin għall-isperimentazzjoni milli kultant naħsbu. L-esperjenzi differenti ta' gruppi bħall-Etnika u l-Brikkuni f'dawn l-aħħar snin huma xhieda ta' dan l-interess mifrux sewwa fis-soċjetà Maltija, anki fost dawk li l-Malti mhuwiex l-ewwel lingwa tagħhom.

## Intensità

Fil-qalba tal-kanzunetta tal-kantawtriċi Corazón hemm konċezzjoni intensa tal-kanzunetta li tinħass f'xogħol bħal "Valz" li fih tqabbel relazzjoni ta' mħabba ma' kanzunetta: "Kemm kantajna flimkien," tgħid, "Versi sħaħ mingħajr kliem." L-emozzjonijiet kbar tal-imħabba, it-tregħid fiżiku ta' persuna li tħoss persuna oħra tersaq lejha bil-mod jixħtu dawl fuq l-idea tagħha ta' kanzunetta bħala esperjenza intima, intensa, li triegħed il-ġisem minn ġewwa nett.

Corazón ma tiktibx dwar temi ħfief u li jgħaddu malajr imma tirrakkonta stejjer li ħafna drabi jinsistu fuq memorja, fuq kelma mistqarra jew miċħuda, fuq ġerħa li tibqa' tnixxi, fuq dak li seta' kien. Lill-maħbub li tbiegħed mill-maħbuba tavżah li jekk se jitlaq m'għandu jħalli xejn warajh ("Illejla b'Xejn"), imma hi l-ħin kollu tiftakar, bħallikieku ma trid tħalli xejn jitlaq, lanqas l-esperjenzi qarsa. Il-kant flimkien jirrappreżenta forma għolja ta' qbil, ta' armonija profonda, imma anki ta' espressjoni ħielsa u bla mistħija ta' dik l-armonija. Il-kanzunetta hija wkoll ir-ritmu mexxej tal-kliem, "dawn

l-istrofi mgħaġġlin," u l-post fejn jiltaqgħu żewġ sensibilitajiet li jfittxu 'l xulxin; hija l-post tal-ħlewwa, tal-persuni li jmissu kemm kemm, bħal ħsibijiet jew ħarsiet, imma anki l-post fejn tipprotesta l-qalb. Tematikament, wieħed mill-aspetti interessanti huwa dak tal-lirika li tirrifletti fuqha nfisha, fuq il-kliem li qed tuża. Dan jidher kemm fir-riferiment għal "dawn l-istrofi mgħaġġlin" kif ukoll fil-vers mill-kanzunetta "Daqshekk" li fih tirreferi konxjament għall-kelma ċentrali fit-test: "U fejn taqta' linja u fejn tispiċċa d-'daqshekk.'"

Hemm każ ieħor tal-manipulazzjoni konxja tal-għarfien tagħha tal-użu tal-lingwa meta f'"Daqshekk" Corazón tinqeda bl-istess kelma fi spazju verament żgħir iżda tqanqal tifsiriet differenti. Fil-vers "U kif għandek il-qalb tgħidli: 'Qalbi, issa daqshekk'?," l-effett ewlieni tar-ripetizzjoni tal-kelma "qalb" huwa ironiku, għax il-"kuraġġ" tal-maħbub ifisser li qed jabbanduna lill-maħbuba tiegħu: il-virtù tal-qlubija jużaha biex iwettaq azzjoni kodarda, tradiment. L-istess effett jinħoloq f'vers ieħor mill-istess kanzunetta: "Kif mank kellek il-wiċċ tgħidli f'wiċċi: 'Issa daqshekk'?" Għal darb'oħra, id-differenza bejn iż-żewġ kelmiet hija dik bejn in-nom u n-nom bil-pronom mehmuż possessiv. Il-maħbuba tikkritika l-maħbub li, minkejja li jitkellem b'wiċċu minn quddiem, m'għandux il-ħila jiffaċċja lilha. Il-wiċċ jippreżenta l-persuna lill-oħrajn: f'dan il-każ, il-wiċċ huwa xhieda tan-nuqqas ta' ħila u rġulija ta' dan il-bniedem. Eżempju ieħor ta' kemm il-kantawtriċi hija konxja mill-użu tal-lingwa jidher fil-kanzunetta "Tal-Aħħar" li fiha tagħti lil din il-frażi ċentrali post mhux tas-soltu fis-sintassi tagħha. B'dan il-mod "tal-aħħar" tikseb prominenza li tiġbed l-attenzjoni tal-widna u toħloq possibilitajiet ġodda fil-livell tat-tifsir.

Għodda oħra importanti biex il-lirika ta' Corazón tinqata' mill-formoli stabbiliti tal-kanzunetta konvenzjonali hija l-metafora, bħal meta fil-kanzunetta "Valz" titkellem dwar iż-żewġ maħbubin "Mexjin fl-istorja ta' xulxin id f'id." Il-metafora ta' "l-istorja" tissuġġerixxi "l-ħajja," fis-sens ta' "mexjin fil-ħajja ta' xulxin," imma toffri iżjed minn hekk: għax storja toħloqha, tfassalha, tibniha; storja tirrakkonta, tqanqal emozzjonijiet fil-karattri u fl-udjenza tagħha, tiffoka fuq protagonisti. Hawnhekk għandna nisġa kumplessa ta' żewġ protagonisti u żewġ stejjer immaljati flimkien, nisġa waħda magħmula minn żewġ idejn li jirrakkontaw 'il xulxin, li jirrakkontaw lilhom infushom permezz ta' xulxin.

Ħafna mill-iktar kanzunetti rappreżentattivi ta' Corazón jirrakkontaw dan il-malju kumpless ta' relazzjonijiet intimi, ta' xewqat u tamiet li tkantahom b'emozzjoni kbira anki jekk il-vuċi kapaċi trażżanha. Aspett ieħor tal-vers "Mexjin fl-istorja ta' xulxin id f'id" huwa li fil-fatt hemm żewġ metafori mmaljati flimkien: dik tal-istorja u dik tal-vjaġġ tal-ħajja, ta' relazzjoni ta' mħabba. Din hija metafora konċettwali li l-għeruq tagħha tant huma fondi fil-mod kif naħsbu dwar il-ħajja u l-esperjenzi ta' mħabba li ħafna drabi lanqas nintebħu li qed ninqdew b'metafora. "Mexjin" tagħti sens ta' dinamiċità, ta' progress, ta' tnejn min-nies li sejrin xi mkien flimkien, ta' relazzjoni, biex nuża metafora konvenzjonali oħra, li mhix staġnata.

## Meta Tikteb l-Istorja

Iċ-ċentralità tal-metafora tal-"istorja" tidher fil-kanzunetta "L-Istorja Tagħna" li oriġinarjament kien jisimha "It-Tweġiba." "L-istorja tagħna," tikteb Corazón, "ħbejnieha taħt it-trab u għalxejn infittxuha"; hija storja li "issa saddet biż-żmien u għalxejn niftħuha". Hawnhekk hawn saff fuq ieħor ta' metafori li l-punt ta' riferiment tagħhom huwa l-kunċett ta' "l-istorja" li mhijiex biss rakkont imma anki passat, esperjenza ta' żmien (aktarx twil) flimkien. L-istorja tevoka sensiela ta' ġrajjiet, ħsibijiet u emozzjonijiet li l-protagonisti għexuhom flimkien u li permezz tagħhom immarkaw għal dejjem lil xulxin. Għaldaqstant fil-kunċett ta' "l-istorja" hemm firxa ta' sinifikati u konnotazzjonijiet orizzontali u vertikali, mifruxa fil-wisa' u fil-fond. Imma l-metafora stess tal-istorja tiġi mmetaforizzata, ikkonkretizzata, issir oġġett li tista' taħbih taħt it-trab, li jista' jissaddad, li jista' jinfetaħ imma f'dan il-każ ikun aħjar jekk jibqa' magħluq. Kull waħda minn dawn il-metaforizzazzjonijiet tal-metafora tal-istorja għandha l-effetti tagħha, speċjalment minħabba dak li nassoċjaw mat-trab, mas-sadid u mal-għeluq. F'dawn it-tliet elementi hemm id-diqa kollha tal-maħbuba ttraduta.

Manlio Sgalambro jemmen li l-mużika, anki meta tirrakkonta d-diqa, hija r-risposta ta' żmienna għall-pessimiżmu l-iktar mudlam, għax il-mużika hija divertiment u d-divertiment huwa r-risposta ta' dawk li "jafu" (Sgalambro 24). René Descartes jibda l-*Kompendju tal-Mużika* li kiteb fl-1618 bi stqarrija dwar il-mużika u l-gost. "Il-materjal ta' din l-Arti huwa l-ħoss. L-ISKOP tiegħu, li jagħti gost, u jqanqal diversi ħSUS fina. Għax il-Kanzunetti jistgħu jqanqlu d-diqa u l-gost fl-istess ħin: mhux ħaġa stramba li joħorġu żewġ effetti kontra xulxin minn din il-kawża waħdanija, għax iktar ma l-Kittieba tal-Eleġiji u tat-Traġedji jkebbsu fis-Semmiegħa tagħhom in-niket iktar jikkuntentawhom" (1). Dan il-*Kompendju*

*tal-Mużika*, li nqaleb għall-Ingliż fl-1653 mill-Viskonti William Brouncker, kien wieħed mill-iktar testi fuq il-matematika tal-mużika li nqraw fit-tieni nofs tas-seklu 17. Il-mużika tal-kanzunetti hija mużika li tagħti pjaċir. Hi teżawrixxi lill-maħbub tagħha li jibqagħlu biss dik l-enerġija li biha jagħżel li ma joqtolx lill-proxxmu tiegħu u jmur bi kwietu x-xogħol. Fi trattat tal-etika ta' żmienna l-kanzunetta għandha tidħol bis-saħħa bħala eżempju tal-iktar morali severa (Sgalambro 17-18). Fl-istess ħin, naħseb li l-kanzunetta għandha żżomm 'il bogħod kemm tista' mill-moraliżmi, mill-ħtieġa li tistqarr x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, kif tagħmel il-kanzunetta "Kieku Taf": il-ġid ogħla tal-kanzunetta ta' Corazón jinsab fil-ħila tagħha li tagħti pjaċir estetiku, li toffri s-sabiħ, anki meta tirrakkonta esperjenzi ta' qsim il-qalb.

Il-kanzunetta hija l-ġenju tal-mument, "*La maestra dell'attimo.*" Hija l-iktar opra qasira tal-ispirtu imma xorta waħda għandha s-solennità kollha tiegħu. Il-kanzunetta ġġegħelna nikkalkulaw mill-ġdid il-qies taż-żmien, għax is-snin u s-sekli huma kejl mhux ideali meħud minn żminijiet oħrajn. Kieku jirnexxilna ngħixu bil-minuti, bħall-kanzunetta, ħajjitna tispiċċa timraħ, tagħmel festa; jekk niffukaw fuq il-minuti minflok fuq is-snin u s-sekli "ma narawx daqshekk malajr il-limiti li għadhom jikkonfonduna tant. Il-kanzunetta żżommilna jdejna u tmexxina, mgħallma tal-mument, ispiratriċi ta' dak li jgħaddi malajr. Fejn ikun hemm xi ħadd ikanta, id-dlamijiet l-iktar ċappa jiċċaraw" (Sgalambro 13-14). Wagner kien jemmen li l-mużika teħtieġ il-kelma biex tegħleb il-limiti tagħha, u dan jitwettaq permezz tal-kanzunetta. Fil-kanzunetta l-ħoss jiġi għalkollox umanizzat (Sgalambro 12-13).

## Kelma tal-Aħħar

Il-kanzunetta "Daqshekk" tistqarr li "Dejjem tgħallimt / Li trid tuża l-ħsieb / Biex l-emozzjoni li taħkmek / Tagħlqilha l-bieb," imma f'dawn il-kanzunetti l-emozzjoni hija fattur ewlieni li jiddomina fuq ir-raġuni bierda. Wara kollox l-imħabba, li tissemma kontinwament f'dan l-album ma tistax tqisha "bil-kejl u bl-użin," anki għaliex ħadd ma qara l-ktieb tal-ħajja, u min jgħid li jaf ir-regoli tagħha huwa giddieb. Batcho tirrikonoxxi l-qawwa tal-lirika tal-kanzunetti li tevoka l-emozzjoni (364), u Tomlinson jitkellem dwar il-qawwiet tal-kanzunetta bħala forza ewlenija, essenzjali li nħolqot qabel ir-razzjonalità u r-raffinatezza (357).

Giovan Battista Vico jorbot il-kanzunetta mal-passjoni, għax meta l-bnedmin jitqanqlu minn passjonijiet kbar ikantaw; meta jinfexxu fil-kanzunetta l-bnedmin jesprimu passjonijiet kbar (Tomlinson 358). Fl-istess ħin, il-kanzunetta toffri lilha nfisha bħala waqt arketipiku tal-persistenza tal-immaġinazzjoni primittiva fil-psike moderna (Tomlinson 358); il-kanzunetta hija għerf poetiku, sentiment eleganti u xbieha inġenjuża (Tomlinson 372).

Minħabba l-emozzjonijiet li ħafna drabi tqanqal, l-eżistenza tal-kanzunetta tinħass f'salt fl-applawżi li waqt li jimlew kullimkien jagħtuha eżistenza ġdida fil-post, eżistenza wara l-eżistenza (Sgalambro 32). Bħala awtriċi tal-kliem u kompożitriċi tal-mużika tagħna, Corazón tagħti lil album bħal *Hawn Jien* ċerta identità tematika u stilistika, ċerta sħuħija fil-ħoss u l-emozzjoni li jagħżlu lix-xogħol tagħha minn ta' dawk li mhumiex kantawturi u għaldaqstant m'għandhomx il-possibbiltà, jew ix-xorti, li jinvolvu ruħhom f'kull fażi tal-kreazzjoni tal-kanzunetta. Nissuspetta li fil-ħin tal-applawż wara li tinstema' l-kanzunetta ta' Corazón l-emozzjonijiet li tqanqal fina jiġu mill-bogħod u mill-fond, mill-esperjenzi tagħna wkoll, u jħallu s-sinjal uniku tagħhom fuq qalbna.

## Biblijografija


Batcho Krystine Irene. "Nostalgia and the Emotional Tone and Content of Song Lyrics." *The American Journal of Psychology*, Vol. 120, No. 3 (Fall, 2007), 361-381. JSTOR. Diġitali. Aċċess: 12/12/2013.

Descartes, Renatus. *Excellent Compendium of Musick with Necessary and Judicious Animadversions Thereupon*. London: Humphrey Moseley, 1653. http://petrucci.mus.auth.gr. Internet.

Jachia, Paolo. *La Canzone d'autore italiana 1958-1997*. Milano: Feltrinelli, 1998. Stampa.

Mifsud, Manwel. "Għanja Maltija għal-Lum." *Leħen il-Malti*, 24 (1990), 3-11. Stampa.

Sgalambro, Manlio. *Teoria della canzone.* Milano: Bompiani, 1998. Stampa.

Tomlinson, Gary. "Vico's Songs: Detours at the Origins of (Ethno) Musicology." *The Musical Quarterly*, Vol. 83, No. 3 (Autumn, 1999), 344-377. JSTOR. Diġitali. Aċċess: 12/12/2013

## L-arranġament huwa l-libsa tal-kompożizzjoni

*Hsieb ta' Dominic Galea*

Lil Corazón ili żmien twil insegwiha fil-karriera tagħha partikolarment għaliex mill-bidu nett kienet turi li tispikka fejn tidħol il-lirika Maltija. Il-mużika li tikkomponi wkoll hija differenti min-norma, u tħobb tesperimenta bi stili differenti, dejjem tqabbel it-temperament tal-mużika mal-messaġġ li tkun trid twassal permezz tal-lirika tagħha. Miż-żwieġ bejn il-mużika u l-lirika poetika ta' Corazón joħorgu kanzunetti li jolqtu mhux biss lill-widna imma anke lis-sensi inġenerali. Il-kitbiet ta' Corazón huma ħafna drabi awtobijografiċi u għaldaqstant jirnexxilhom iqanqlu f'min jesperjenzahom sentimenti li ħafna drabi jġibu lil dak li jkun nostalġija għal dak li anke hu jkun għadda minnu.

Peress li l-kanzunetti ta' Corazón insibhom daqstant interessanti, ma kien diffiċli xejn għalija biex insib dik l-ispirazzjoni meħtieġa għall-arranġamenti mużikali tagħhom. L-arranġament huwa l-libsa tal-kompożizzjoni u l-lirika, u naħseb li f'din il-biċċa xogħol il-libsa ħarġet sabiħa ħafna. Nispera li togħġob lill-pubbliku daqskemm jien sodisfatt biha jiena stess.

Jien u ħija Manolito, li ħa ħsieb il-parti teknika tal-produzzjoni tad-diska, qgħadna attenti ħafna biex lil kull kanzunetta nagħtuha karattru partikolari mingħajr ma nitbiegħdu wisq mill-ħoss globali tal-album u mingħajr ma niddevjaw minn dak li kellha f'moħħha l-kompożitriċi u awtriċi meta ħolqitha, l-istess bħalma jagħmel kwalunkwe artist f'esibizzjoni tax-xogħlijiet tiegħu. Dan għamilnieh billi adattajna stili u tipi ta' orkestrazzjonijiet varji għal kull kanzunetta. Ħdimna flimkien f'sintonija kbira mhux biss bejnietna imma anke ma' Corazón, li hija dejjem disposta li tilqa' suġġerimenti u pariri li jagħtiha ħaddiehor.

Għalija, l-aktar element importanti fi proġett bħal dan, fejn l-irwol tiegħi ikun ta' arranġatur, ikun li ma nħallix l-istil personali tiegħi jiddomina lil dak tal-kompożitur. Dan għamiltu anke f'dan il-każ, u ninsab ferħan li l-karattru ta' Corazón inżamm f'kull biċċa xogħol tagħha. Nammetti li f'dan il-każ din kienet ħaġa faċli, għaliex Corazón ħafna drabi kellha stampa ċara tal-istili li xtaqet tagħti lix-xogħlijiet tagħha, u kienet kapaċi twassal lilna l-ħsieb u l-intenzjoni tagħha biex aħna imbagħad stajna noħorgu l-prodott kif xtaqitu hi.

Kien pjaċir għalija li ħdimt mill-qrib ma' artista żagħżugħa daqstant brava, waħda mill-ftit f'Malta li għandhom il-ħila jikkomponu kanzunetti Maltin ta' livell. Fiż-żmien li fih Corazón damet iżżur l-istudjow tagħna biex naħdmu fuq dan l-album sirna nafu ħafna aktar lil xulxin. Dan għen ħafna biex ħdimna f'sintonija u biex il-prodott seta' joħrog aktar mill-qalb. F'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura lil Corazón mhux biss li jkollha suċċess b'dan l-album, imma li tibqa' tippersisti bil-ħolma tagħha, li tgħolli dejjem aktar 'il fuq il-mużika tajba Maltija. Professjonalment, nispera li din hija biss l-ewwel tarġa fil-kollaborazzjoni tagħna.



# 1. Daqshekk

*Hsieb ta' Teresa Friggieri*

Il-kanzunetta li biha Corazón għażlet li tiftaħ din is-serata jisimha *Daqshekk*. Hija kanzunetta li tistaqsi kif jista' xi ħadd juża dik il-kelma biex itemm relazzjoni li għall-parti l-oħra tkun tfisser kollox.

Hemm kuntrast qawwi fil-lirika, rifless ukoll fil-mużika, bejn dak li nistgħu nsejħulu l-għerf konvenzjonali dwar l-imħabba, l-għerf tal-qwiel li ssibu fil-kotba, u l-esperjenza konkreta li ġġagħlek tistaqsi 'kif jista' jkun?' quddiem l-imġiba stramba ta' xi ħadd li ma tistennihiex minnu. Din hija waħda mill-karatteristiċi ewlenin ta' ħafna mill-kompożizzjonijiet ta' Corazón – li tistaqsi aktar milli twieġeb, tissuġġerixxi aktar milli tafferma, tippreżenta sitwazzjoni li toħloq problema aktar milli tipprova ssolviha.

Corazón tgħaqqad flimkien il-kwalitajiet li tistenna minn kantawtriċi vera – tikteb il-lirika, tikkomponi l-mużika, id-doqq u tkanta. Dawn huma l-ingredjenti li jippermettu lil Corazón li fl-esperjenza unika miġbura fil-versi tal-kanzunetta, tesprimi b'mod sinċier, dirett u oriġinali ħsibijiet, sentimenti u emozzjonijiet li jħallu impatt qawwi u immedjat fuq min jismagħha.

***Qrajtha fil-kotba***
***Jgħidulek mas-snin***
***Li l-kuntentizza***
***Timxi man-norma u mal-ħin***
***U dak li hu stramb***
***Bilfors hu ħażin***
***Bħallikieku l-imħabba***
***Tqis bil-kejl u bl-użin.***

***Izda jiena biss naf***
***Il-mod kif kien jaf***
***Jaqsam il-ħsieb bejn tnejn.***

***Kif jista' jkun inkunu ħbieb u daqshekk?***
***Iċċempilli, tistaqsini: "Kif inti?" u daqshekk.***
***U fejn taqta' linja u fejn tispiċċa d-'daqshekk'***
***U kif għandek il-qalb tgħidli: "Qalbi, issa daqshekk"?***

***Dejjem tgħallimt***
***Li trid tuża il-ħsieb***
***Biex l-emozzjoni li taħkmek***
***Tagħlqilha l-bieb***
***Li r-regoli tal-ħajja***
***Mniżżla f'xi ktieb***
***Li min jgħid li qrah***
***Mhu xejn ħlief giddieb.***

***Iżda jiena biss nifhem***
***Il-mod kif kien jifhem***
***Bla ma ngħidlu xejn.***

***Kif jista' jkun inkunu ħbieb u daqshekk?***

***Kif jista' jkun inkunu ħbieb u daqshekk?***
***Titbissimli, issellimli fit-triq u daqshekk.***
***U jekk dak li għedna u li wegħedna fisser daqshekk***
***Kif mank kellek il-wiċċ tgħidli f'wiċċi: "Issa daqshekk"?***





# 2. Jgħidu Kien Hawn Raġel

*Hsieb ta' Trevor Żahra*

Bob Dylan darba kien qal "Kanzunetta hija ħaġa li kapaċi timxi waħidha!" Jista' jkun li hawnhekk Dylan kien qed jiġġeneralizza xi ftit iżżejjed, imma forsi għandu biċċa raġun. Kanzunetta trid verament tkun kapaċi tieqaf fuq saqajha u timxi 'l quddiem waħidha. M'għandha bżonn kummenti ta' ħadd, la tal-kritiku u lanqas tal-kantant innifsu. Kanzunetta hija ftit minuti ta' essenza li fil-konċentrazzjoni tagħha tiġbor mument maġiku. U naħseb li proprju hawnhekk tinsab l-akbar sfida tal-kantawtur, dik li jkun kapaċi jgħid il-ħafna permezz tal-ftit.

Corazón għandha l-kapaċità li tesprimi dal-kunċett bl-aktar mod naturali.

Fil-kompożizzjonijiet ta' Corazón tolqotni ħafna s-sinerġija perfetta bejn lirika, mużika u vuċi. Il-lirika waħidha ma tgħidlekx kollox. Il-mużika waħidha ma tkunx xi ħaġa ta' barra minn hawn ... imma meta l-vuċi tagħha tgħaqqad kollox flimkien, ix-xogħol jinbidel f'nisġa mill-aktar interessanti. Fuq kollox , Corazón timpressjonani immensament bil-mod kif tartikola l-kliem. Frank Sintra kien stqarr:

"Jekk għamilt xi ħaġa tul il-karriera tiegħi, kienet li dejjem qgħadt attent għal kull nota u għal kull kelma li nkanta ... u dan għax nirrispetta l-kanzunetta. Jekk ma nkunx kapaċi nipproġetta dan lill-udjenza, allura nkun fallejt!"

Jiddispjeċini u ninkedd meta nisma' ċerti kantanti jomogħdu l-kliem; meta ma nkunx nista' nifhem kelma minn dak li jkunu qed ikantaw. Setgħu kienu qed jgħidu "Ba-Ba-Black-Sheep." U agħar minn hekk huwa meta tisma' wħud li, waqt li qed ikantaw bil-Malti, jibdew jgħawġu l-kliem u jagħtuh aċċent li la jkun Malti, la Ingliż u lanqas Swaħili!

Meta tisma' lil Corazón tkanta minnufih tinduna kemm il-Malti huwa sabiħ , kemm joqgħod għall-mużika meta jkun f'idejn (jew fil-fomm) ta' min jaf jifhmu u jirrispettah.

Il-kanzunetta *Jgħidu Kien Hawn Raġel Jgħix 'il Hawn* fuq il-wiċċ tirrakkonta ġrajja ta' tradiment u ta' wġigħ, imma hija aktar minn hekk. Hemm fiha misteru ta' dak kollu li narawh bla ma nifhmuh, ta' dak kollu li qatt ma jirnexxilna ninterpretawh kif jixraq.

Iżda dan kollu huwa żejjed min-naħa tiegħi. Il-kanzunetta ta' Corazón taf tgħidu aħjar minni.

***Jgħidu kien hawn raġel jgħix 'il hawn***
***Ftit bibien 'il fuq minn tal-gazzetta.***
***Ilbiesu fin, ixxommu jfuħ mill-bogħod***
***Miexi jżomm 'il martu labranzetta.***

***Jgħidu kien hawn raġel jgħix 'il hawn***
***Kien tal-flus u benestant mill-kbar.***
***Alla jaħfirlu kemm kien raġel sew***
***Miskin kultant iwarrab sold għall-fqar.***

***Darba martu tqum maħsuda f'nofs ta' lejl***
***U għajr is-sodda kiesħa ma ssib xejn.***

***Imbagħad l-istorja intesiet***
***In-nies ħasbet li kien miet***
***U tgħidx kemm ivvintaw qlajjiet fuqu.***

***U tgħidx kemm talab l-arċipriet***
***Biex jinħafrulu id-dnubiet***
***U organizza ġabra żgħira għal ruħu.***
***Jgħidu kien hawn raġel jgħix 'il hawn***
***Beda ħajja ġdida 'l bogħod minn dawn***
***B'familja oħra u anke identità***
***Mingħajr ma ħadd kien jaf il-verità.***

***Darba martu tqum maħsuda f'nofs ta' lejl***
***Rikordju tiegħu fadal biss id-dejn.***

***Imbagħad l-istorja intesiet...***

***Dwar ir-raġel li kien jgħix 'il hawn***
***Li kulħadd ħaseb li kien għeb jew miet.***
***L-istorja nafha jien u issa int...***
***Qis li żżomm għalik dan is-sigriet.***

# 3. Tal-Aħħar

*Ħsieb ta' Walter Micallef*

Għalkemm għandi ftit esperjenza mhux ħażin fil-kitba tal-lirika bil-Malti u fil-kompożizzjoni ta' mużika abbinata mal-istess lirika, meta kelli x-xorti li naqsam l-esperjenza tal-kanzunetta 'Tal-Aħħar' ma' Corazón, ħassejtni donni għadni ħa nibda, għaliex l-entużjażmu tagħha tani enerġija ġdida f'dan il-qasam.

Mill-ewwel darba li qrajt il-lirika ħassejt li din hija kanzunetta qawwija li, apparti li temozzjonak, twassal messaġġ speċjalment lil min jgħaddi mill-istorja iebsa li tirrakkonta l-kanzunetta. L-għażla sensittiva tal-kliem, il-ħsieb wara kull kelma, it-tema, ir-ritmu u t-ton flimkien joħolqu lirika poetika. Il-kompożizzjoni li tagħfas ħafna fuq il-pjanu hija sempliċi u tippermetti li min jisma' l-kanzunetta jikkonċentra aktar fuq il-kliem. Pero' ir-riżultat finali huwa biċċa xogħol li għalkemm tniggeż lil xi wħud, taf ukoll tpaxxi l-widna.

Il-verżjoni f'dan l-album mhix differenti ħafna minn kif konna esponejna l-kanzunetta jien u Corazón fl-Għanja tal-Poplu: hi fuq il-pjanu u jien bil-kitarra. Il-verżjoni tagħna *unplugged* kienet sabiħa għaliex sempliċi imma xorta effettiva; il-verżjoni tal-album hija aktar mimlija bl-istrumenti u forsi b'hekk tolqot aktar il-widna.

Jiena kburi li l-kantanta żagħżugħa għażlet lili bħala l-uniku kantant li nkanta magħha fl-album u nawguralha futur sabiħ f'dan il-qasam li jiena persważ tibbrilla fih. Nispera li din l-inizjattiva ta' Corazón, jekk ma sservi għal xejn, tiswa biex kantawturi żgħażagħ oħrajn jitħajru u jagħmlu l-kuraġġ biex ikabbru l-mużika Maltija. Verament mhix xena li tirrendi l-flus, imma bla dubju ta' xejn tagħti ħafna sodisfazzjon lil min jirnexxilu jimxi 'l quddiem.

***Tal-aħħar inħares lejk int u tagħlaq il-bieb***
***Din l-aħħar paġna minn dal-ktieb***
***Li qrajna it-tnejn flimkien***
***Li ktibna int u jien.***

***Lit-tifla ħalliha rieqda bil-kwiet***
***Dik għadha żgħira biex tifhem dawn l-affarijiet.***
***U le, għall-flus tinkwieta xejn***
***Nagħtihomlok xħin ngħaddi għaliha nhar it-Tnejn.***

***Tal-aħħar – Tistaqsinix***
***Tal-aħħar – Indirizz m'għandix***
***Tal-aħħar – Jekk jogħġbok tfittixnix.***

***Tal-aħħar – Le, ma nafx fejn***
***Tal-aħħar – Int ma taħti xejn***
***Dal-aħħar – Naf li żbaljajt, int taf għalfejn.***
***Mimlija b'tifkiriet din id-dar***
***Ta' żmien li għadda u mar.***

***F'dan ir-ritratt kemm konna ferħanin***
***Miegħek xtaqt li ma jgħaddi qatt il-ħin.***

***Iżda malajr tgerbu dawn l-għaxar snin***
***U minn namrati sirna għedewwa ta' xulxin***
***It-tnejn skjavi ta' din is-sitwazzjoni***
***U skużani jekk wiċċi nieqes mill-emozzjoni.***

***Tal-aħħar – Tistaqsinix...***

***Tal-aħħar inħares lejk int u tagħlaq il-bieb***
***Din l-aħħar paġna minn dal-ktieb***
***Li qrajna it-tnejn flimkien***
***Li ktibna int u jien.***

***Tinkwetax għalija, jien dwejjaq m'għandix***
***L-oħra għadha żgħira u wiċċha bla tikmix***
***Issa xxotta d-dmugħ u ħu ħsieb***
***Agħlaq sew warajja dan il-bieb.***

# 4. Illejla B'Xejn

*Hsieb ta' Charles Schembri*

Corazón hija iktar minn kantanta. Corazón hija kantawtriċi prominenti tal-kanzunetta Maltija; tikteb u tikkomponi kanzunetti li tkanta u takkumpanja hi stess. Meta tisma' lil Corazón tkun qed tisma' dak li hi vera tkun tħoss. Din mhix għanja kummerċjali, imma għanja fejn Corazón taqsam il-ħsibijiet u x-xewqat, li tesprimihom mhux biss bil-vuċi imma wkoll permezz tal-pjanu, b'noti li jikxfu dak li tkun qed tħoss fil-qiegħ ta' qalbha.

Corazón għażlet li xxandar l-kanzunetti tagħha permezz ta' L-Għanja tal-Poplu. Hawn sabet ħafna apprezzament, tant li rebħet L-Għanja tal-Poplu tliet darbiet, fl-2007, fl-2009 u fl-2010; din xhieda ċara li Corazón għandha talent qawwi fil-qasam tal-kanzunetta Maltija bil-Malti. Nieħdu pjaċir li llum Corazón qed toħroġ Album bil-kanzunetti tagħha u nħeġġuha tkompli tesprimi l-esperjenzi, is-sentimenti u xewqat tagħha permezz tal-għanja bil-Malti.

Fil-kanzunetta *Illejla b'Xejn* Corazón turi l-aspett uman ta' prostituta. Fix-xena tal-mużika Maltija ftit issib nies li jiktbu dwar suġġetti ta' tabù bħall-prostituzzjoni, suġġett li naħbuh taħt it-tapit u nużawh biss biex nitgħajru bih. Il-kanzunetta tgħinek tifhem l-emozzjonijiet ta' prostituta bħala bniedma, iġġagħlek tħares mod ieħor lejn il-mara prostituta, u tkisser l-istampa sterjotipata tal-mara qaħba, li wara kollox hija bniedma wkoll.

Il-kanzunetta *Illejla b'Xejn* turi s-sensettività ta' Corazón għal sitwazzjonijiet soċjali reali, 'il bogħod minn dawk ideali. Sentimenti ta' kantawtriċi li tħoss il-polz tas-soċjetà, anke ta' dawk l-iktar diżrispettati u mkażbra mis-soċjetà. Corazón ma tikkundannax lill-prostituta, imma tifhem li din ukoll għandha qalb li tixtieq imħabba sinċiera. Għal dal-lejl biss il-prostituta trid tħobb mingħajr ma tistenna xejn lura; għandha xrara ta' mħabba vera, imħabba bla rbit, relazzjoni ta' vera li mhix għall-flus.

***Idhol, fakkarni min int.***
***Il-mara kollox sew? Int kif int?***
***It-tfal kibru, iż-żmien itir.***
***It-tnejn jixbħuk, l-aktar il-kbir.***

***Għidli, għaliex ġejt tard?***
***Ma ftehemniex għas-siegħa u kwart?***
***Insomma issa ħallik mill-kliem.***
***Id-dawl nitfih jew tajjeb kif kien?***

***Għal dal-lejl biss nagħtik l-imħabba bis-sigħat.***
***Għal dal-lejl biss intaffilek ix-xewqat.***
***Għal dal-lejl biss ħobbni int mingħajr għalfejn.***
***Għal dal-lejl biss, għax illejla b'xejn.***

***Issa għaliex tlaqtni minn ġo dirgħajk?***
***Jekk sejjer tħalli xejn warajk.***
***U iva, naf, mhu se ngħid xejn.***
***Dak illi sar se jibqa, bejnietna t-tnejn.***

***Meta titlaq minn hawn, għid il-verità***
***Tkun tixtieq tħassarni mill-memorja?***
***Qatt ħsibt fuq x'seta kien,***
***Kieku int mhux int u jien mhux jien?***

***Għal dal-lejl biss…***

***Isma x'se ngħidlek bid-dmugħ***
***f'għajnejja u leħni jirtogħod.***
***Dan li nħoss għalik qed ifarrak is-silġ,***
***qed iċarratni bil-mod.***

***Għal dal-lejl biss…***

# 5. Fid-Dar tan-Nanna

*Hsieb ta' Deo Grech*

Kienet il-mużika li laqqgħetni ma' Corazón. Sirt nafha aktar mill-qrib fil-programm *Celebrity Sundays* li kont nipproduċi u nippreżenta fuq l-istazzjon One. Kienet laqtitni mill-ewwel darba li ġiet mistiedna fih. Mhux biss għall-istil mużikali, iżda wkoll għall-mod kif tidher u ġġib ruħha kemm quddiem, kif ukoll wara l-kameras. Minn hemm, bdejt insejħilha 'il-kantanta eleganti tagħna'.

Corazón irnexxielha timla vojt fil-kamp mużikali lokali. Kompliet tesperimenta bil-lirika u l-kompożizzjoni, u bil-mod il-mod bdiet tistabbilixxi lilha nnifisha bħala kantawtriċi bl-istil uniku tagħha – l-istil ta' kantanta wara l-pjanu. Inxebbahha ma' Mariella Nava, kantawtriċi bravissima Taljana. Bħalha tagħti ħafna importanza lill-kelma.

F'għanjietha, Corazón ma toħnoqx il-kompożizzjoni bi ħsejjes żejda, anzi tħalli l-messaġġ fil-lirika jieħu l-importanza xierqa tiegħu. L-istess għall-mod kif tlissen il-kliem waqt il-kant. Kull kelma toħroġ ċara u tinftiehem sewwa. Huwa dan li jogħġobni l-aktar fil-kanzunetti tagħha.

Għal din l-okkażjoni ġejt fdat li nagħti l-opinjoni tiegħi dwar ir-raba' silta minn dan l-album il-ġdid tagħha. Ma nixbax nismagħha din is-silta. *Fid-dar tan-nann*a tpinġi xena mill-isbaħ ta' kif trabbejna meta konna żgħar. Deskrizzjoni ċara tad-dar tradizzjonali Maltija ta' madwar 20-25 sena ilu. Isibu posthom it-tradizzjonijiet kollha ta' kif kienet tintrama d-djar sabiħa Maltija bis-salott antik mgħotti bil-plastik, purtieri meħjuta mill-qraba, senduq 'fejn jissakkru t-tfal imqarbin', televixin ta' bla kulur, il-friskatur għall-ħwejjeġ, djar kbar biżżejjed biex jilagħbu, jiġru u jistaħbew u d-drawwa li filgħaxijiet joħorġu bis-siġġu barra biex jgħidu kelmtejn mal-ġirien. Minn bejn il-linji joħroġ il-messaġġ ċar li, minkejja li llum il-ġurnata l-kantawtriċi hija ggradwata bħala avukat, ma tiddejjaq xejn titkellem dwar l-isfond umli li ġejja minnu.

L-għeluq tal-kanzunetta jwassal il-protesta siekta tagħha għall-ħasra kif dawn id-djar sbieħ illum qed ibaxxu rashom biex minflokhom jitilgħu blokkijiet ta' bini bla karattru fejn m'hemmx aktar spazju għal-logħob, ġiri u n-noli ta' dari għax tant huma żgħar li fihom 'it-tfal qed jaħbtu ma' xulxin'.

***Kif tidħol tapit aħmar twil, tħossok dħalt ġo palazz.***
***Fl-intrata ssib gradenza kbira msakkra bil-katnazz***
***U fuqha gwarniċ maħdum bid-deheb u l-iskultura***
***U l-mara ta' ġo fih tistħajjilha ħierġa mill-pittura.***
***Fid-dar tan-nanna.***

***Hemm xafunier tal-kewba mgħotti b'doiler irrakkmat,***
***U għadd kbir ta' ritratti li jfakkruha fil-passat***
***Ta' meta laħqu t-tfal, meta hi qagħdet parrina,***
***Meta ommi qagħdet bridesmaid fit-tieġ tal-kuġina.***

***Fid-dar tan-nanna;***
***Salott antik mgħotti bil-plastik***
***Borma ttektek fuq in-nar,***
***Grandfather clock li xħin idoqq***
***Tħossu iriegħed id-dar,***
***U tlett itfal jilagħbu noli jistaħbew fid-dellijiet***
***Li joħolqu il-purtieri li ħitulha iz-zijiet.***

***Fit-taraġ raġel bit-turban, f'idu bozza tal-kamin,***
***U taħtu senduq fond fejn isakkru t-tfal imqarbin.***
***Mal-ħajt hemm kurċifiss li bħalu ma tantx ssib***
***''Meta tgħaddi minn quddiemu qis li troddlu is-salib''.***
***Fid-dar tan-nanna.***

***Fil-kċina televixin żgħir minn dawk ta' bla kulur,***
***Tixegħlu hi u titwi l-ħwejjeġ ta' ġol-friskatur.***
***''U isa Corazón, issa ħallik minn dak il-ktieb***
***Għaliex dalwaqt se jidlam, ejja b'siġġu wara l-bieb''.***
***Fid-dar tan-nanna...***

***Mid-dar tan-nanna***
***Xtara sehem l-aħwa kuntrattur u tella' blokk flettijiet,***
***Armati fuq l-ultramodern u b'ħafna kumditajiet***
***U dawk it-tlett itfal imqarba, wara l-purtieri moħbijin,***
***Illum ifittxu fejn jilagħbu 'żda qed jaħbtu ma' xulxin.***

# 6. Marì

*Ħsieb ta' Manwel Mifsud*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

"*Ambasciator non porta pena.*" Min iwassallek il-messaġġ ma jaħtix ta' dak li jkun fih: hekk jgħid qawl Taljan. U mnalla, għaliex kieku b'din il-kanzunetta aktarx li kien ikollna nqisu lil Corazón bħala mara ta' qalb iebsa, vendikattiva.

Imma mhux il-każ. Għax il-ħila tal-artist tikkonsisti sewwasew f'kemm jirnexxilu jitkellem bil-fomm ta' min m'għandux vuċi, biex iwassal il-ħsieb, ix-xewqat u d-dwejjaq mhux imberrħin tiegħu, il-ħsus fgati ġo fih... f'kemm ikollu l-ħila jkun ambaxxatur tajjeb ta' ħaddieħor. U l-ikbar ħtija tiegħu tista' tkun biss li jkun wassal il-messaġġ b'mod tassew konvinċenti.

F'din is-CD Corazón tagħtina xhieda biżżejjed ta' din l-arti tagħha. Jekk f'kanzunetti oħra (bħal *Illejla b'Xejn*) titkellem għall-"ħatja", għall-mara tat-triq li f'għajnejn in-nies tidher "ħażina" u b'mogħdrija kbira twasslilna s-sentimenti teneri moħbija fil-qalb ta' qalbha, hawnhekk qed tieħu l-parti opposta, qed titkellem min-naħa tal-vittma, tal-mart ittraduta li qatt ma kellha l-ħila tieqaf fuq tagħha u tirribella għat-tradiment ta' żewġha. Corazón tilbes il-libsa tagħha u flokha twasslilna l-imrar li ġarrbet ta' kuljum u l-pjaċir tal-vendetta. Dak li xtaqet elf darba f'qalbha lill-ħalja li serqitilha lil żewġha issa qed tieħu pjaċir tarah iseħħ mill-idejn siekta taż-żmien li ma jaħfirha lil ħadd... Il-paċenzja ġiefja tagħha fl-aħħar bdiet titħallas.

Din kanzunetta iebsa, u forsi ħadd ħlief qalb ta' mara ma kien ikollu l-ħila jfissirha tant tajjeb. Huwa mertu ta' Corazón li rnexxielha tidħol b'tant ħila fil-psikoloġija tal-ittraduta, anonima u ġifa, u titkellem għaliha b'qawwa, imrar u sarkażmu bħal dawn.

U l-mużika tgħin, għax tintiseġ tajjeb mal-ħsieb tal-lirika. Mill-bidu kantabbli u mexxej ta' xeħta kważi folkloristika, mal-iżvilupp tal-lirika l-melodija ssir iktar riċerkata u f'mument kattiv saħansitra tinqeda b'teknika rakkontattiva li soltu nsibuha fil-*musicals* u li toħroġ ċiniżmu li rari ġie espress tant tajjeb fil-kanzunetta Maltija.

Għax dan huwa CD b'kanzunetti li fl-għażla tat-tema kif ukoll fl-iżvilupp tal-kliem u l-mużika spiss iħallu x-xtut il-magħrufa u jbaħħru u jesperimentaw lil hinn fl-ibħra skonoxxuti. Jiena ngħid li Corazón għad baqgħalha ħafna fejn tmur.

***Kulħadd kien jafha lil Marì, tfajla sabiħa***
***Xagħarha twil u bjond***
***Wiċċha gustuż fit-tond.***

***Minn dejjem kienet ftit fuq tagħha u ħabrieka***
***Taf li fejn hemm il-flus***
***Kien vallapena tbus.***

***Marì, għadek liebsa l-arloġġ li xtralek ir-raġel ta' ħaddieħor.***
***Marì, illum tfittex fil-but u issib li m'għandekx biex tixtri ieħor.***

***Kull nhar ta' Ħadd titlob fil-knisja għarkupptejha,***
***liebsa l-isbaħ ilbies,***
***biex titma' l-għira tan-nies.***

***Għaliex Marì la kellha tfal, lanqas idea***
***Ta' kif taħsel platt,***
***la bżonn li taħdem qatt.***
***Marì, għalxejn tgħatti l-eta bil-maskra taż-żebgħa fuq wiċċek.***
***Illum xorta spiċċajt waħdek u l-ebda raġel m'għadu jfittxek.***

***Kont ili li ndunajt li kien mitluf warajha***
***Iżda qatt m'għedtlu xejn***
***Xħin jidħol tard billejl.***

***Kuljum kont naf x'kulur kienet tiżbogħ xufftejha***
***Mill-kulur tat-tiċpis***
***Jien u naħsillu l-qmis.***

***Marì, taqtax qalbek għax kollox jitranġa f'din l-era tal-kirurġija***
***Ħasra li għad m'hemmx magna sofistikata li tneħħi l-ħtija.***

***Min jaf kemm hi sabiħa l-kumpanija tal-klieb grotteski taċ-ċeramika***
***U l-pupi tal-porċellana mitfugħa qalb il-bizzilla u t-tikmix fil-friex.***

***Marì, iż-żmien iħallas bl-imgħax lil min idejjinni.***
***Marì, tiskanta il-ħajja kapaċi tpatti aktar minni.***

## Kliem magħrbul u mwieżen

*Kelmtejn minn Steve Borg – Produttur eżekuttiv*

Il-jum minn filgħodu jurik. Lil Corazón rajtha minn tfajla tenera u kemxejn misthija toħrog minn fosdqitha u tinbidel f'mara matura u grazzjuża. Naraha b'karattru li xi drabi jidher ftit riservat u maqtugħ għalih fis-sħab, b'moħħ poetiku dejjem iberren u jwieżen. Fl-istess ħin entużjasta għal dan il-proġett muzikali, imwelled meta kien għad għandha ħames kanzunetti, b'umiltà konxja li xejn fid-dinja ma jitwettaq mingħajr tant rieda u sagrifiċċju.

Ir-ritmu tagħha mhux imgħaġġel u l-kliem torqmu filwaqt li tħaddem l-idjoma b'mod intelliġenti li jagħmlu l-kanzunetti tagħha popolari għal widnet Ċikku l-Poplu kif ukoll għalf għall-imħuħ ta' dawk li jgħożżu l-ilsien Malti. Mhux kull min ikollu xewqa u tir f'moħħu jwettaqhom. Aktar mir-rieda trid ukoll il-ħila li tittrasforma l-ħsus u l-ħsebijiet f'xi ħaġa konkreta, armonjuża u kontinwa, li żżommok tisma' anki jekk tolqtok fil-laħam il-ħaj. Corazón għandha dawn il-ħiliet. Hija rsistiet qatigħ u, b'leħen li jiġbdek u li minn leħħi f'tebqa t'għajn jaf isir melliesi, tuża l-personalità biex tittrażmetti preżenza dominanti fuq il-palk b'għarfien li hemm udjenza li qiegħda hemm biex tisma' u twieżen.

Is-suċċess ta' din il-kantawtriċi żagħżugħa huwa li l-lirika u l-melodiji jiskru fl-emozzjoni, jidħlu fil-qalb u jqanqlu lis-semmiegħ, peress li r-rakkonti huma esperjenzi jew xewqat li nistgħu nġarrbu lkoll f'ħajjitna. Bl-introspezzjoni tagħha tażżarda tperreċ ħsusha b'mod intimu, lil hinn mit-tqanżiħ li xi daqqiet imdorrijin nisimgħu, biex tkanta dwar l-inġustizzji soċjali globali bħal f'*Kieku Taf*, it-taqbid bejn in- nostalġija u l-ispekulazzjoni ta' *Fid-Dar tan-Nanna*, it-tlellix vanituż li jgħammex f'*Marì*, it-tradiment f'relazzjoni li waslet fi tmiemha f'*Tal-Aħħar*, u l-imħabba li setgħet kienet ta' prostituta f'*Illejla b'Xejn* bl- istqarrija skomda "Qatt ħsibt fuq x'seta' kien, kieku int mhux int u jien mhux jien?".

Il-għaqal tal-użu metaforiku jispikka f'*L-Istorja Tagħna*, misthajla fi sfond possibilment Malti bil-baħar jisfuma l-forom impinġijin fir-ramel, bl-imħabba mitmuma mkeffna u l-bibien magħluqin. Wara kollox, kif ittenni hi, ir-regoli tal-ħajja mhuma mniżżlin fl-ebda ktieb. Dan huwa l-pern tal-album mużikali, imżewwaq b'arranġamenti tal-Maestro Dominic Galea, mużiċisti mustaċċuni u bis-sehem tal-kantawtur veteran Walter Micallef.

Corazón tikkonferma li artista jista' jkollha ġibda lejn l-ilsien nattiv tagħha, mingħajr ma tagħmel kompromess u titbiegħed minnu biex tiffoka fuq kant b'ilsna barranin. Ristretta li tkanta bi lsien qadim imma ċkejken, żammet l-istess livell meritevoli, bħallikieku kienet il-Haris Alexiou jew Cesaria tagħna.

Bħala l-produttur li kont magħha mill-bidu ta' din it-triq li bdejna nimxu tliet snin ilu, sibt li kien hemm is-sinerġija meħtieġa u komda bejnietna biex minn kunċetti li ddiskutejna fit-tul għaddejna f'diversi fażijiet ta' produzzjoni. Bħal dik il-mara ta' dari li użat l-ifjen għarbiel tas-smida biex titma' lil uliedha, hekk ukoll għaddew dawn il-ħdax-il kanzunetta, li hawn issibhom midmumin, biex waslu għal dan ix-xogħol artistiku.

Jiena nemmen li *Hawn Jien*, maħruġ waqt li Mizzi hi fil-fjur ta' ħajjitha, se jkun magħha meta tikber u, kontrarjament għal "daqsxejn duħħan li jidher għal ftit u jdub", kif fisser il-ħajja Karmenu Vassallo, dawn il-kanzunetti huma ta' valur dejjiemi.



# IKEL MALTI

F'serata iddedikata fl-intier tagħha għall-mużika b'togħma Maltija, ma setax jonqos li lis-Sinjuri preżenti indewquhom ukoll ftit ikel tipikament Malti, biex b'hekk, ġaladarba nolqtu s-sensi kollha, l-esperjenza tkun waħda sħiħa. Il-menù li għoġobha tħejjilna l-familja Debono huwa dan li ġej:

MAYPOLE
since 1900
NENU THE ARTISAN BAKER

## Ikel Kiesaħ

Gallett bil-bigilla u l-ġbejniet ta' Malta

Laħam fuq il-fwar bil-bżar fuq zalza tat-tadam imqadded

Torot żgħar bil-kirxa imħellwa

## Ikel Sħun

Ftira tradizzjonali Maltija bil-ħxejjex u ġbejniet ta' Malta maħkuka

Ħbejżiet mimlijin bi stuffat Malti

Pastizzi żgħar mimlijin bil-fenek

Ġbejniet ta' Malta fil-panura bis-sagħtar u l-għasel f'zalza ħelwa tat-tadam

Braġjoli żgħar f'zalza tat-tadam

## Deżerta

Għażla ta' ħlewwiet Maltin

Pudina tal-ħobż b'kisja ta' ġulepp tal-ħarrub

Torta tat-tuffieħ

Sfineġ mimlija bl-irkotta imħellwa

MARSOVIN
FOUNDED 1919
The Culture of Wine
Coca-Cola

## FULJETT TA' TIFKIRA

Is-Sibt, 11.01.2014

**SERATA TA' TNEDIJA**

# HAWN JIEN

**ALBUM B'KANZUNETTI MALTIN**

Mużika, lirika u tkanta **Corazón**